# Il-Katidral bħala s-Sede tal-Maġisteru ta' l-Isqof

Dun Hector Scerri

*Dan huwa test ta' diskors kommemorattiv li sar fil-Katidral ta' l-Imdina nhar il-Ħamis l-10 ta' Ottubru 2002, bħala parti mill-attivitajiet li fakkru t-tielet ċentinarju mill-konsagrazzjoni tal-Katidral.*

"Fraħt meta qaluli:
Sejrin f'dar il-Mulej!
Diġà qegħdin riġlejna
fi bwiebek, Ġerusalemm!
Ġerusalemm, mibnija bħal belt
magħquda ħaġa waħda.
Lejha t-tribù jitilgħu,
it-tribù tal-Mulej" (Salm 122,1-4a)

Aħna wkoll ħallejna djarna.
Ħallejna l-imkejjen tal-ħidma tagħna.
Ħallejna l-komunitajiet tagħna.
U ferħanin, erfajna għajnejna
lejn l-għoljiet (ara Salm 121,1).

Iva, aħna wkoll, dalgħodu, erfajna għajnejna lejn il-għolja li fuqha hi mibnija l-belt l-antika tagħna. U bħal-Lhud tal-qedem, kull wieħed minna jista' jgħid: "Fraħt meta qaluli: Sejrin f'dar il-Mulej". Nifirħu, mela, għax qegħdin f'dar il-Mulej. Nifirħu għax irfisna l-għatba ta' l-aktar knisja importanti ta' gżiritna. Nifirħu għax ninsabu f'dik li hi *ecclesia mater et maior* tad-djoċesi tagħna.

Qegħdin, mela, fit-tempju ewlieni tal-Knisja f'Malta. Qegħdin fit-tempju fejn l-Arċisqof tagħna għandu l-katedra tiegħu, (1) sinjal viżibbli tat-tmexxija tiegħu bħala ragħaj tagħna, (2) sinjal ta' l-awtorità tiegħu - awtorità li tissarraf f'qadi u għotja sħiħa, (3) sinjal tal-Maġisteru tiegħu, jiġifieri li jgħallimna f'isem Kristu.

Tul is-sekli, it-Tradizzjoni Nisranija, fl-omeliji ta' Missirijiet il-Knisja, u f'kitbiet oħra li ġew wara, dejjem ħarset b'rispett - anzi kważi b'devozzjoni - lejn il-Katidral, u lejn dak kollu li dan ifisser għall-

komunità Nisranija ta' belt jew reġjun partikulari. Iktar qribna fiż-żmien, insibu dak li kiteb il-Papa Pawlu VI lejliet tmiem il-Konċilju Vatikan II. Nhar is-7 ta' Diċembru 1965, bħala radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji msawba fuq il-Knisja matul il-Konċilju, il-Papa ddekreta ġublew straordinarju għas-sena ta' wara, l-1966, permezz tal-Kostituzzjoni Appostolika *Mirificus Eventus*. F'dan id-dokument, fost l-oħrajn, jitkellem dwar il-katidral tad-djoċesi.

Pawlu VI jistqarr li l-Katidral spiss ikun imżejjen bl-aqwa espressjoni ta' l-arti, u jiddistingwi ruħu għax fih hemm il-katedra ta' l-isqof. Il-Papa jgħid li l-katedra hija "l-fulkru ta' għaqda, ta' l-ordni, ta' l-awtorità u tal-maġisteru awtentiku f'rabta ma' Pietru". F'dan id-dokument *Mirificus Eventus*, naqraw ukoll li "l-Katidral huwa simbolu qawwi tal-Knisja viżibbli ta' Kristu, li fuq din l-art titlob, tgħanni u tqim (lil Alla)". Dan il-kliem nerġgħu nsibuh f'digriet ippubblikat fid-29 ta' Ġunju li għadda mill-Penitenzjerija Appostolika fil-Vatikan dwar l-Indulġenza Plenarja Annwali fil-Kon-Katidrali.

F'dawn il-ftit ħsibijiet li ħejjejt, xtaqt naqsam magħkom dawn it-tliet aspetti dwar il-katedra ta' l-isqof... Tliet aspetti li ma tistax tifridhom minn xulxin:

(1) *cathedra amoris*
(2) *cathedra unitatis*
(3) *cathedra magisterii.*

Ma nistgħux nitkellmu minn *cathedra magisterii*, jekk qabel ma nħarsux lejn iż-żewġ dimensjonijiet l-oħra tal-katedra ta' l-isqof.

Meta nitkellmu dwar *cathedra amoris*, qegħdin nitkellmu dwar realtà mill-isbaħ. Qed nirreferi għall-imħabba li tgħaqqadna flimkien, l-ewwelnett bħala mgħammdin, u mbagħad bħala aħwa fis-saċerdozju ministerjali. Qed nirreferi wkoll għall-għożża ta' l-isqof għal dawk kollha afdati f'idejh. *Cathedra amoris...* l-isqof li jippresjedi b'imħabba u b'għożża fil-Knisja li tagħha huwa r-ragħaj... imħabba ta' missier lejn uliedu fi Kristu.

Ieqaf ftit u ġib quddiem għajnejk is-sens ta' appartenenza tiegħek għall-Knisja f'Malta. Mhux ta' b'xejn li nitkellmu dwar il-katidral bħala *ecclesia mater*, Knisja-omm. Aħna mhux biss twelidna f'din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha, imma twelidna mill-ġdid bl-ilma u bl-Ispirtu s-Santu, f'xi waħda mill-knejjes parrokkjali jew kappelel li tħares lejn dan il-katidral bħala l-omm tagħha. Imbagħad, għal dawk fostna li

huma saċerdoti djoċesani, fl-ordinazzjoni tagħna bħala djakni, ġejna inkardinati f'din id-djoċesi, marbutin magħha għas-servizz tagħha. Il-Liturġija Ambrożjana, fil-Prefazju għad-Dedikazzjoni tal-Knisja tagħmel din it-talba meta tirreferi għall-Katidral billi ddomm dawn il-kelmiet li jirriflettu l-fidi tal-poplu (*lex orandi, lex credendi*): "Din hi l-omm ta' kulħadd, u li saret aktar ta' l-għaġeb minħabba l-għadd ta' wliedha. Kuljum hija tnissel għal Alla wlied ġodda, bil-qawwa ta' l-Ispirtu Qaddis. Id-dinja kollha hi mimlija bil-frieghi tagħha. Tgħolli lejn is-saltna tas-sema frieghi ġodda msaħħin bl-injam. Din l-omm hija dik il-belt ta' l-għaġeb mibnija fuq il-quċċata tal-muntanja, tidher u tiddi għal kulħadd".

L-Appostlu li wellidna fi Kristu, Pawlu ta' Tarsu, jitkellem dwar l-imħabba tiegħu għall-knejjes kollha, *sollecitudo omnium ecclesiarum*, il-ħsieb tal-ħafna knejjes li kien waqqaf, u oħrajn li fihom kien xandar l-Aħbar it-Tajba. L-imħabba taħraq u sinċiera ta' l-Appostlu tqawwilna qalbna. Fis-suċċessuri ta' l-Appostli aħna mistiedna naraw u nirċievu dik l-imħabba għall-merħla. Int, jien - aħna lkoll - parti minn din il-merħla li hi mmexxija u mħarsa mir-ragħaj tagħha. Fl-Ispirtu nġeddu t-tweġiba tagħna għal dak li konna wegħdna fl-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħna. Il-Konċilju Vatikan II fid-Digriet dwar il-Ministeru u l-Ħajja tal-Presbiteri, *Presbyterorum Ordinis*, jisħaq dwar komunjoni ħajja bejn il-presbiteri u l-Isqof tagħhom. Dan id-digriet jgħid li "bis-saħħa ta' din il-komunjoni fl-istess saċerdozju u ministeru, l-isqfijiet għandhom iqisu l-presbiteri bħala aħwa u ħbieb tagħhom u jkollhom mill-iżjed għal qalbhom il-ġid materjali, u fuq kollox dak spiritwali tagħhom. Għax il-piż tqil tat-tqaddis tas-saċerdoti jaqa' l-iżjed fuq l-isqfijiet... Huma għandhom jisimgħuhom bil-qalb, anzi jfittxu l-parir tagħhom u jitħaddtu magħhom dwar kull m'għandu x'jaqsam mal-ħtiġijiet tal-ħidma pastorali u mal-ġid tad-djoċesi". Din is-silta mid-digriet *Presbyterorum Ordinis* hi attwazzjoni ċara ta' x'jiġifieri *cathedra amoris*.

Din il-karità pastorali min-naħa ta' l-isqof titlob tweġiba sinċiera minna s-saċerdoti. L-istess dokument tal-Konċilju jistqarr hekk dwar is-saċerdoti: "Ħa jkunu mela magħqudin ma' l-isqof tagħhom b'karità sinċiera u b'ubbidjenza... Minn dan jiġi li ebda presbiteru ma jista' jtemm sewwa l-missjoni tiegħu mifrud mill-oħrajn u bħallikieku għal rasu, imma biss jekk jgħaqqad il-forzi tiegħu ma' dawk ta' presbiteri oħra, taħt it-tmexxija ta' dawk li jippresjedu fuq il-Knisja". Dan l-istil ta' ħajja jew atteġġjament jgħin lis-

saċerdot fit-tweġiba filjali tiegħu għal *cathedra amoris* ta' l-Isqof.

It-twettiq ta' dak li nifhmu b'*cathedra amoris* jidher ukoll, naturalment, fir-rabta ta' l-isqof ma' dawk li flimkien huma l-maġġoranza kbira tal-Knisja - il-membri lajċi. Il-lajċi jimpenjaw ruħhom b'modi differenti biex jaqdu l-missjoni li għaliha huma msejħin. Imsejħin biex huma wkoll iħaddmu t-talenti u l-kariżmi li bihom huma mżejnin, dan għandhom dejjem jagħmluh f'komunjoni mar-rgħajja, u għalhekk billi ma jinsewx il-*cathedra amoris* fil-qalba tad-djoċesi. Dakinhar ta' l-ingress tiegħu fil-Bażilika ta' S. Mark ġewwa Venezja, il-Patrijarka Giuseppe Sarto (li aktar tard sar il-Papa Piju X), stqarr man-nies tad-djoċesi l-ġdida tiegħu: "X'isir minni jekk ma nħobbkomx? Anke jekk għadni qatt ma rajtkom qabel, qiegħed inġorrkom ilkoll fil-qalb tiegħi. Intom il-qalb tiegħi... intom l-imħabba tiegħi".

"L-imħabba t'Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5,5). Din l-imħabba li ssuqna twassalna biex ilkoll naħdmu għal għaqda akbar. Il-pern ta' din il-għaqda huwa r-ragħaj li lilu nfdat din il-merħla. Huwa għalhekk li nistgħu nitkellmu dwar il-katedra ta' l-isqof bħala *cathedra unitatis*. Fiha bħal nilmħu jew induqu l-għaqda li jrid jara Kristu fostna, id-dixxipli tiegħu.

Għalkemm ma jużax il-frażi *cathedra unitatis*, S. Injazju ta' Antjokja jfisser tajjeb l-ispirtu tagħha fl-ittra tiegħu lill-Insara tal-belt ta' Filadelfja fl-Asja Minuri: "Dawk kollha li huma t'Alla u ta' Ġesù Kristu, huma kollha ma' l-isqof, u dawk kollha, li mqanqlin mis-sogħba, jerġgħu lura għall-għaqda mal-Knisja, ikunu huma wkoll t'Alla, biex jgħixu ħajja li togħġob lil Ġesù Kristu... Fittxu mela li tissieħbu f'Ewkaristija waħda: wieħed hu l-Ġisem ta' Sidna Ġesù Kristu, wieħed hu l-kalċi li hu xirka mad-Demm tiegħu, wieħed l-altar, kif wieħed ukoll hu l-isqof mal-presbiterju tiegħu u mad-djakni".

Din l-istess xbieha li jagħtina S. Injazju nsibuha fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II, meta naqraw dwar il-ħajja liturġika tad-djoċesi fl-aqwa tagħha: "Għalhekk jeħtieġ li kulħadd jagħti l-akbar importanza lill-ħajja liturġika tad-djoċesi madwar l-Isqof, l-aktar fil-Knisja Katidrali, fil-konvinzjoni li l-akbar dehra tal-Knisja tinsab fis-sehem sħiħ u ħaj tal-ġemgħa mqaddsa t'Alla fl-istess ċelebrazzjonijiet liturġiċi, l-aktar fl-istess Ewkaristija, f'talba waħda, madwar altar wieħed, fejn jippresjedi l-Isqof imdawwar mis-saċerdoti u l-ministri tiegħu".

Il-Katidral, għalhekk, huwa għalina simbolu ta' l-għaqda fid-djoċesi. S. Wistin, f'Omelija għal jum il-konsagrazzjoni ta' knisja, jistqarr li l-membri tal-komunità "ma jaslu qatt li jkunu d-dar tal-Mulej qabel ma jintrabtu sew bejniethom bl-imħabba. Kieku dan l-injam u l-ġebel kollu li għandkom quddiemkom ma kienx marbut sewwa flimkien kif titlob is-sengħa, kieku ma kienux minsuġa tajjeb bejniethom u magħquda ħaġa waħda bħallikieku b'għaqda ta' mħabba, kieku ħadd ma kien jidħol hawn ġew". S. Wistin, bi kliem mill-ifjen, ikompli: "Mela, biex ma tibqgħux qiskom ġebel qadim u mġarraf, ħobbu lil xulxin... Mela ejjew infittxu li jkollna spiritwalment f'ruħna dak li qegħdin naraw materjalment f'dawn il-ħitan ta' madwarna; u l-bini perfett li qegħdin nilmħu fil-ġebel u l-injam, jalla l-Mulej jagħmlu l-bini perfett ta' l-għamara tiegħu fil-ġisem tagħna".

Dawn iż-żewġ aspetti li trattajna s'issa - *cathedra amoris* u *cathedra unitatis* - nistgħu nħarsu lejhom flimkien bħala l-pedament tal-*cathedra magisterii.* Hawn qegħdin nitkellmu dwar il-missjoni ta' l-Isqof bħala għalliem tal-merħla "f'ħin f'waqtu u barra minn waqtu" (2 Tim 4,2). L-imħabba u l-għaqda ta' bejnietna fi Knisja waħda jiddisponuna biex b'attenzjoni u b'mod assidwu nisimgħu leħen ir-ragħaj tagħna.

Id-digriet tal-Konċilju Vatikan II dwar l-Uffiċċju Pastorali ta' l-Isqfijiet, *Christus Dominus*, jgħid ċar u tond li "l-isqfijiet għandhom l-uffiċċju li jgħallmu. Waħda mill-aqwa ħwejjeġ li dan l-uffiċċju jitlob hija dik li jxandru l-Evanġelju ta' Kristu lill-bnedmin u, bil-qawwa ta' l-Ispirtu, isejħulhom għall-fidi jew iwettquhom fil-fidi ħajja; huma għandhom iqiegħdu quddiemhom il-misteru ta' Kristu kollu kemm hu, jiġifieri dawk il-veritajiet li min ma jafhomx ma jafx lil Kristu".

L-isqfijiet huma "għalliema veri, jiġifieri mogħnija bl-awtorità ta' Kristu, li jippridkaw lill-poplu fdat f'idejhom il-fidi li għandu jemmen u japplikawha għall-ħajja morali tiegħu. Huma juru din il-fidi fid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu... waqt li jgħassu biex iżommu 'l bogħod mill-merħla tagħhom l-iżbalji li jhedduha". Dan il-kliem mill-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen Gentium* insibuh imtenni fid-Direttorju Pastorali ta' l-Isqfijiet *Ecclesiae Imago* tat-22 ta' Frar 1973. Dan id-dokument huwa u jitkellem dwar il-*cathedra magisterii* jispjega li l-isqof "hu magħżul qabel kulħadd biex ixandar l-Aħbar it-Tajba t'Alla, jiddefendiha u jistqarrha mingħajr mistħija. Għall-merħla kollha tiegħu huwa ngħażel biex ikun mgħallem awtentiku, xhud tal-fidi, għassies f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi u l-morali".

Fit-twettiq tal-*cathedra magisterii*, l-isqof ixandar il-misteru tas-salvazzjoni tagħna, b'mod u manjiera li juri li l-Mulej huwa ċ-ċentru tal-ħajja tal-fidili, u ċ-ċentru ta' l-istorja ta' l-umanità. Permezz tat-tagħlim morali li huwa jwassal, l-isqof juri x'dinjità għandha l-vokazzjoni tan-Nisrani. Dawn il-prinċipji teoloġiċi huwa japplikahom għall-qasam soċjali. Jgħallem dwar il-valur tal-bniedem, il-libertà vera tiegħu bħala iben t'Alla, il-qdusija tal-ħajja fil-familja, il-valur tax-xogħol, il-valur tal-kultura u ta' l-iskoperti li jsiru fit-teknika. Id-direttorju *Ecclesiae Imago* jsemmi dawn l-oqsma kollha bħala parti importanti mill-maġisteru ta' l-isqof.

Qegħdin hawn fil-Katidral tagħna, u forsi toħroġ naturali minn fommna t-talba tas-Salmista: "Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej ta' l-eżerċti! Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej... Sa l-għasfur isib fejn jgħammar, u l-ħuttafa ssib il-bejta ħdejn l-altari tiegħek" (Salm 84, 2-4). Imma sentimenti bħal dawn, tajbin kemm huma tajbin, mhumiex biżżejjed. Impenn prattiku li lkoll nistgħu nieħdu permezz ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet triċentinarji huwa li nivvalorizzaw aktar is-simbolu qawwi li joffrilna l-Katidral. Għalkemm il-biċċa l-kbira taċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani jsiru fil-Kon-Katidral ta' S. Ġwann l-Għammiedi, fil-Belt Valletta, għandna niftakru dak li jfisser għalina dan il-Katidral. Dan il-Katidral, ġawhra ta' arti barrokka huwa mhux biss monument storiku, imma xhud ta' fidi ħajja marbuta mal-qalb Maltija li, fuq kollox hija qalb Nisranija. Dawk kollha li bnew dan it-tempju, dawk li sebbħuh, dawk li ċċelebraw il-liturġija ġewwa fih, qegħdin iduru lejna llum u jgħidulna: 'Ħares madwarek, u fil-ġebel tal-ħitan, fl-irħam, fil-pitturi... agħraf ir-rabta tiegħek mal-misteru ta' Kristu Rxoxt. Agħraf ukoll l-esperjenza tiegħek bħala ġebla ħajja fil-bini tal-komunità Nisranija f'Malta'.

Il-Katidral huwa simbolu qawwi u li jiddi tal-Knisja lokali. Żgur li mhux simbolu mċajpar jew nieqes mit-tifsira. Il-Katidral huwa simbolu ta' l-isforzi kollha biex insaħħu l-komunjoni fil-Knisja. Mhux biss ifakkarna, imma jħeġġiġna biex ngħixu s-sinodalità. F'Ottubru 1702, meta ġie kkonsagrat dan il-Katidral, il-Knisja f'Malta kienet lejliet Sinodu djoċesan. Illum, tliet mitt sena wara, il-Knisja tagħna tinsab fil-qalba ta' mixja sinodali. Il-preżenza tagħna dalgħodu fil-Katidral ma tħalli l-ebda frott jekk ġejna hawnhekk sempliċement biex nagħmlu kommemorazzjoni. Jalla noħorġu minn hawn kburin li aħna nappartjenu għall-Knisja ta' Kristu f'Malta, u kollna ħeġġa biex ngħixu

s-sinodalità mhux biss fil-ftit xhur li fadal sakemm jintemm is-Sinodu, imma li dan l-atteġġjament pastorali nkomplu ngħixuh fis-snin li ġejjin b'impenn kulfejn il-Mulej isejħilna biex naħdmu.

Il-Katidral ifakkarna fl-impenn ta' l-Isqof li jiġbor flimkien f'ġemgħa waħda, f'merħla waħda, id-djoċesi kollha. Il-Knisja Katidrali toffri sejħa lil kull wieħed minna. Hija sejħa għal responsabbiltà akbar fl-għixien awtentiku tal-vokazzjoni tagħna. Il-Katidral ifakkarna fid-dover ta' kull wieħed minna li naħdmu - u nissogra ngħid inkunu lesti nbatu - għall-għaqda fil-Knisja tagħna. F'dan l-atteġġjament tispirana t-talba ta' Ġesù għad-dixxipli tiegħu, awl il-lejl qabel ma bata u miet għalina: "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Ġw 17, 21).

Il-*cathedra amoris et unitatis* issejħilna biex nikkollaboraw fl-istrutturi pastorali kollha tad-djoċesi. Barra minn hekk, din il-Knisja-omm tfakkarna fir-rabta li tinseġ flimkien il-komunitajiet parrokkjali, l-għaqdiet u l-movimenti, is-saċerdoti djoċesani u r-reliġjużi kollha. Il-Katidral jesprimi wkoll l-ispiritwalità djoċesana, anzi huwa s-simbolu ta' din l-ispiritwalità. Mingħajr tlaqliq nistgħu ngħidu li din hi spiritwalità Pawlina. L-arkejoloġija paleo-Kristjana ta' l-Imdina u r-Rabat diġà tixhed ir-rabta bejn l-Appostlu tal-Ġnus u dawn l-imkejjen. Il-karizma missjunarja hija waħda mill-karizmi speċjali tal-Knisja lokali tagħna. Kif għamilna qabel, speċjalment fl-aħħar seklu, inkomplu nħarsu lil hinn minn xtutna, u nkunu ġenerużi ma' popli oħra li għadhom ma semgħux l-Aħbar it-Tajba, jew li huma għatxana għal evanġelizzazzjoni ġdida. Imma l-ispiritwalità Pawlina nistgħu ngħixuha wkoll fl-impenn tagħna fil-Knisja lokali, fil-ħeġġa pastorali li nuru, fil-ħidma tagħna mal-fqar u l-emarġinati ta' żmienna. Jekk l-ispiritwalità djoċesana tidher fin-nisġa ta' kuljum tad-dixxipli Maltin bejniethom, u ma' l-Imgħallem tagħhom, f'din in-nisġa hemm ukoll b'ittri tad-deheb l-ismijiet ta' dawk kollha li ġew qabilna... dawk li talbu f'dan il-katidral, dawk li rċevew xi faraġ fi Kristu, dawk kollha li ċċelebraw l-Ewkaristija, dawk li wasal għandhom it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja, dawk li tħeġġu biex iħobbu aktar lil Ġesù u lill-aħwa tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, dan huwa l-għan tal-*cathedra magisterii*, li kif rajna hi dak li hi għax mibnija fis-sod fuq il-*cathedra amoris et unitatis*.

Ta' dan kollu li rċevejna - fidi ħajja u kultura għanja - irroddu ħajr lil Alla. Dan il-wirt imprezzabbli fid-dover li

ngħożżuh. Ir-responsabbiltà li għandna hi li ngħadduh sħiħ u bla mittiefes lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Għalhekk filwaqt li nħobbu l-Knisja u nħossu magħha, illum - kif ninsabu f'riġlejn il-katedra ta' l-arċisqof tagħna - ejjew inġeddu l-fedeltà tagħna. Ejjew, fil-bidu tat-tielet millennju, flimkien ma' ħutna l-lajċi nissaħħu fir-rieda u nkabbru l-impenn tagħna li ngħixu bħala aħwa u qaddejja u nkunu verament "il-poplu t'Alla miġbur flimkien fl-għaqda tal-Missier, ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu". ❖

**Referenzi:**


1. Pawlu VI, Kost. Ap. *Mirificus Eventus*: EV S1, par.72.
2. *Decree on Annual Plenary Indulgence in Co-Cathedrals* (29 June 2002), va/roman_curia/tribunals/apost_penit/documents/rc_trib_appen_doc_20020629_decree-i_en.html (9 October 2002).
3. Missal Ambrożjan, Prefazju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (ara Pawlu VI, *Mirificus Eventus*, *ibid.*).
4. *Presbyterorum Ordinis*, 7.
5. *Ibid.*
6. Albino Luciani – Ġwanni Pawlu I, Diskors tat-8 ta' Frar 1970, *Opera Omnia*, Padova 1989, V, 15.
7. Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Filadelfja*, 1,1-2,1; 3,2-5 (Ara Uffiċċju tal-Qari, il-Ħamis tas-27 Ġimgħa, Il Qari).
8. *Sacrosanctum Concilium*, 41.
9. S. Wistin, Omelija 336 (Ara Uffiċċju tal-Qari, Konsagrazzjoni tal-Knejjes, Il Qari): PL 38, 1471-2. 1475.
10. *Christus Dominus*, 12.
11. *Lumen Gentium*, 25.
12. *Ecclesiae Imago*, 55: EV 4/2027.
13. Ara *ibid.*, 56: EV 4/2029.
14. Ara Dante Cesarini, *Confronto teologico con i tratti storici costitutivi e singolari della nostra chiesa locale*, II, in *UAC Notizie*, 20/2 (marzo-aprile 2002) 7.
15. *Ibid.*
16. S. Ċiprijanu, *Dwar it-Talba tal-Missierna*, 23.


*He who provides for this life, but takes no care for eternity, is wise for the moment, but a fool forever.*

***John Tillotson (1630-1694)***

(p. 35 ☞)

ħafna, iżda għandhom iwasslu għall-komunjoni waħda li huwa Ġesù.

Takkompanjana Marija Verġni "l-kewba ta' l-Evanġelizzazzjoni l-ġdida", li fiha nafdaw it-tama, il-ferħ u t-tbatija sabiex minn dawn il-ġranet permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, ikollna dawk id-doni u karizmi biex nevanġelizzaw lill-familji tal-Knisja lokali. ❖